



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 20.9.2012
COM(2012) 523 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

**Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea
Rapport Annwali 2011**

WERREJ

1.	Introduzzjoni	3
2.	Applikazzjonijiet pendenti minn tal-2010.....	3
3.	Applikazzjonijiet ġodda li dahl fuq fl-2011	6
4.	Finanzjament	7
5.	Monitoraġġ.....	9
6.	Għeluq	9
7.	Komunikazzjoni dwar il-Futur tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE	10
8.	Konklużjonijiet.....	11
Anness 1: Limiti minimi għal diżastri maġġuri, applikabbli fl-2011 (ibbażati fuq id-dejta tal-2009 dwar l-introjt Nazzjonali Gross).....		13
Anness 2: Applikazzjonijiet mal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE li għadhom pendenti mill-2010 u applikazzjonijiet ġodda li ttieħdet deċiżjoni dwarhom fl-2011.....		14
Anness 3: Applikazzjonijiet mal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE mill-2002 'l hawn.....		16

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea Rapport Annwali 2011

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 tal-Kunsill tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “ir-regolament”) fih il-kundizzjoni li jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-attività tal-fond matul is-sena ta' qabel. Ir-rapport preżenti jiddeskrivi l-attivitàjiet tal-fond fl-2011 u jkopri, bħalma sar fir-rapporti preċedenti, il-ġestjoni tal-applikazzjonijiet pendenti u ġodda u l-valutazzjoni tar-rapporti dwar l-implimentazzjoni bi preparazzjoni biex dawn jingħalqu.

Jekk wieħed iħares lejn in-numru ta' applikazzjonijiet, l-2011 kienet sena aktar kwieta. Matul dik is-sena tressqu biss erba' applikazzjonijiet għall-għajnuna mill-Fond ta' Solidarjetà, mentri fl-2010 b'kollox kienu ġew ippreżentati 17-il waħda. Minħabba li wħud minn dawn l-applikazzjonijiet waslu lejn tmien l-2010, il-valutazzjoni tagħhom tkomplet fl-2011. Dawn kienu applikazzjonijiet li tressqu minn Franza (għargħar fid-dipartiment tal-Var), mir-Repubblika Ċeka (għargħar tal-ħarifa), mill-Ġermanja (għargħar fis-Sassonja), mill-Kroazja u mis-Slovenja (għargħar ta' Settembru) u mill-Ungerija (tixrid ta' ħama aħmar). Il-valutazzjoni ta' dawn il-każijiet intemmet matul l-2011 u hija deskritta f'dan ir-rapport.

L-erba' każijiet li daħlu fl-2011 kellhom x'jaqsmu ma' żewġ applikazzjonijiet mill-Italja (għargħar fil-Veneto, fil-Ligurja u fit-Toskana), minn Spanja (it-terremot f'Lorca) u minn Ċipru (splużjoni f'bażi navali). Matul l-2011, il-Kummissjoni temmet il-valutazzjoni tagħha u aċċettat applikazzjoni tal-Italja (l-għargħar fil-Veneto) u minn Spanja (it-terremot f'Lorca). Il-Kummissjoni ħadet deċiżjoni dwar it-tieni applikazzjoni Taljana (tal-għargħar fil-Ligurja u fit-Toskana) kif ukoll dwar l-applikazzjoni ta' Ċipru fil-bidu tal-2012.

Fl-2011 il-Kummissjoni tat kontribuzzjoni mill-Fond ta' Solidarjetà għal 11-il diżastru, u din l-għajnuna b'kollox kienet tammonta għal EUR 239,9 miljun. Barra minn hekk, ipproponiet li tingħata wkoll għajnuna ta' EUR 38 miljun għal żewġ każijiet oħrajn.

2. APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI MINN TAL-2010

Franza (l-għargħar fil-Var)

Fil-15 u s-16 ta' Ġunju 2010, partijiet min-Nofsinhar ta' Franza ntlaqtu minn xita qalila. Fl-24 ta' Awwissu 2010 l-awtoritajiet Franċiżi ppreżentaw applikazzjoni għal għajnuna mill-Fond ta' Solidarjetà. L-applikazzjoni kienet limitata għaż-żona l-aktar milquta tad-*Département du Var* u kienet tikkonsisti f'disa' municiplitajiet flimkien ma' żewġ bnadi fil-livell infrakomunali. Flimkien, dawn kienu jiffurmaw erja koerenti waħda li ġiet identifikata b'mod ċar fl-applikazzjoni. Skont l-istimi, il-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru fiż-żona msemmiya kienet ta' bejn EUR 703,2 miljun u EUR 778,2 miljun. Għall-fini tal-valutazzjoni tal-applikazzjoni

l-Kummissjoni użat il-medja, jiġifieri EUR 740,7 miljun. L-istima tal-ħsara diretta totali b'hekk kienet tirrappreżenta 21 % tal-limitu minimu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà applikabbli għal Franza fl-2010, li kien EUR 3,467 biljun (jiġifieri EUR 3 biljun bil-prezzijiet tal-2002). Minħabba li d-dannu baqa' ma qabiżx il-limitu minimu, l-applikazzjoni Franċiża ġiet eżaminata skont il-kriterji eċċezzjonali li jiġu applikati għal "diżastri reġjonali straordinarji". Mill-valutazzjoni ħareġ li l-applikazzjoni Franċiża ma kien fiha l-ebda prova li l-istabbiltà ekonomika tad-*Département du Var* kienet intlaqtet b'mod gravi u għal żmien twil bħal, ngħidu aħna, bi tnaqqis sinifikanti tal-postijiet tax-xogħol jew tal-PDG reġjonali. Għal din ir-raġuni, fl-4 ta' Marzu 2011 il-Kummissjoni ddeċidiet li l-applikazzjoni Franċiża ma kinitx tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni speċjali tal-fond u informat lill-awtoritajiet Franċiżi b'dan.

Ir-Repubblika Ċeka (l-għargħar tal-ħarifa tal-2010)

F'Awwissu 2010, il-partijiet tat-Tramuntana tar-Repubblika Ċeka, jiġifieri r-Reġjun ta' Liberec (*Liberecký kraj*) u d-distrett ġar ta' Děčín li jagħmel mar-reġjun Ústí nad Labem (*Ústecký kraj*), intlaqtu minn xita qawwija aktar mis-soltu li wasslet għal għargħar kbir. Dan ikkawża ħsara sinifikanti fl-infrastruttura pubblika, fid-djar tan-nies, għall-biedja u għan-negozji. Fl-14 ta' Awwissu 2010 l-awtoritajiet Ċeki tefgħu applikazzjoni għal għajjnuna mill-Fond ta' Solidarjetà. Skont l-istimi tal-awtoritajiet Ċeki, saret ħsara diretta totali ta' EUR 436,5 miljun, li jirrappreżentaw 53 % tal-limitu minimu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà applikabbli għar-Repubblika Ċeka fl-2010, li kien EUR 824,03 miljun (jiġifieri 0,6 % tal-ING maħdum fuq il-bażi tad-dejta tal-2008). Għalhekk, l-applikazzjoni ġiet eżaminata skont il-kriterji speċjali għal "diżastri reġjonali straordinarji". Mill-applikazzjoni rriżulta li kienu ssodisfati l-kriterji li jgħidu li a) trid tkun intlaqtet il-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni fiż-żona inkwistjoni u b) id-diżastru jrid ikun ikkawża riperkussjonijiet gravi u għal żmien twil fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien u fuq l-istabbiltà ekonomika. Fit-23 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni pproponiet li tiġi mmobilizzata għajjnuna finanzjarja ta' EUR 10,912-il miljun. Il-proċedura korrispondenti tal-baġit emendatorju tlestiet fl-14 ta' Lulju 2011. Wara l-konklużjoni tal-ftehim mar-Repubblika Ċeka dwar l-implimentazzjoni, il-ħlas tal-għotja seta' jsir fit-22 ta' Diċembru 2011.

Il-Ġermanja (l-għargħar tas-Sassonja)

F'Awwissu u f'Settembru 2010, il-partijiet tal-Lvant tal-Ġermanja, l-aktar fis-Sassonja, esperjenzaw xita qawwija li wasslet għal għargħar li kkawża danni fl-infrastruttura pubblika, fid-djar tan-nies, għall-biedja u għan-negozji. Irriżulta li l-applikazzjoni mressqa mill-awtoritajiet Ġermaniżi fl-15 ta' Ottubru 2010 kienet waħda kumulattiva għal tliet diżastri differenti, u li dawn l-avvenimenti kellhom x'jaqsmu ma' tliet inħawi differenti fis-Sassonja li kienu jisporġu fuq xulxin biss parzjalment. Ġie stmat li l-ħsara diretta totali kumulattiva kkaġunata mill-għargħar kienet ta' EUR 937,8 miljun, li għalhekk kienet tirrappreżenta kważi terz tal-limitu minimu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà applikabbli għall-Ġermanja fl-2010, li kien EUR 3,467 biljun (jiġifieri EUR 3 biljun bil-prezzijiet tal-2002). Għalkemm id-dispożizzjoni tar-regolament tirreferi għall-konsegwenzi ta' diżastru (wieħed), il-Kummissjoni dejjem aċċettat li numru ta' avvenimenti simili li jseħħu wieħed wara l-ieħor f'perjodu qasir ta' żmien u li jkollhom l-istess oriġini jew jolqtu lill-istess erja jistgħu jitqiesu bħala avveniment wieħed skont it-tifsira tar-

regolament. Madankollu, avvenimenti mhux ikkaġunati mill-istess kawża u li jolqtu lil inħawi differenti għandhom jiġu vvalutati wieħed wieħed. Fl-4 ta' April 2011 il-Kummissjoni ddeċidiet li t-tliet avvenimenti ta' għargħar imsemmijin fl-applikazzjoni ma setgħux jiġu kkunsidrati bħala diżastru straordinarju skont it-tifsira tar-regolament. L-awtoritajiet Ġermaniżi ġew infurmati b'dan.

Is-Slovenja (l-għargħar tal-ħarifa tal-2010)

Mis-17 sat-22 ta' Settembru 2010, is-Slovenja ntlagt minn għargħar kbir li kkawża ħafna ħsara, l-aktar għall-wirt kulturali, fl-infrastruttura pubblika u fid-djar tan-nies. L-awtoritajiet Sloveni applikaw għal għajnuna mill-Fond ta' Solidarjetà fis-26 ta' Novembru 2010. Billi l-istima tal-ħsara diretta totali kienet ta' EUR 251,3 miljun, u dan kien jaqbeż il-limitu minimu għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà applikabbli għas-Slovenja (jiġifieri EUR 217,67 miljun, skont id-dejta tal-2008), id-diżastru kkwalifika bħala "diżastru naturali maġġuri" skont il-kundizzjonijiet tar-regolament. Fl-24 ta' Frar 2011, il-Kummissjoni ddeċidiet li taççetta l-applikazzjoni tas-Slovenja u li tagħti għajnuna finanzjarja ta' EUR 7,460 miljun. Il-proċedura tal-baġit emendatorju tlestiet fl-14 ta' Lulju 2011. Wara l-konklużjoni tal-ftehim mas-Slovenja dwar l-implimentazzjoni, l-għotja setgħet titħallas fit-8 ta' Diċembru 2011.

Il-Kroazja (l-għargħar tal-ħarifa tal-2010)

Bejn is-17 u t-22 ta' Settembru 2010 l-Kroazja ntlagt minn xita qalila li kkaġunat għargħar gravi li laqat b'mod partikulari lill-Punent tal-Kroazja. Bħala pajjiż li, meta ntefġhet l-applikazzjoni, kien fil-proċess li jinneozja s-sħubija tiegħu fl-UE, il-Kroazja hija, fil-prinċipju, eliġibbli għal għajnuna mill-Fond ta' Solidarjetà. Id-diżastru kkawża ħsara sinifikanti fl-infrastruttura, fis-settur tal-biedja u fi proprjetà privata. Ġie stmat li l-ħsara diretta totali kienet EUR 47,003 miljun. Minħabba li dan l-ammont huwa inqas mil-limitu minimu ta' EUR 275,80 miljun (jiġifieri 0,6 % tal-ING tal-Kroazja fl-2008) id-diżastru ma jikkwalifikax bħala "diżastru naturali maġġuri". Madankollu, l-għargħar fil-Kroazja kien l-istess wieħed li wassal għad-diżastru maġġuri fis-Slovenja. Għaldaqstant, instab li kienet issodisfata l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(2), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 tal-Kunsill, li tgħid li pajjiż jintlaqat mill-istess diżastru maġġuri bħal pajjiż ġar tiegħu jista' b'mod eċċezzjonali jibbenefika minn assistenza mill-Fond ta' Solidarjetà, u l-Kummissjoni ddeċidiet li tagħti lill-Kroazja għajnuna finanzjarja ta' EUR 1,175 miljun. Il-proċedura tal-baġit emendatorju tlestiet fl-14 ta' Lulju 2011. Wara l-konklużjoni tal-ftehim mar-Repubblika tal-Kroazja dwar l-implimentazzjoni, il-ħlas tal-għotja sar fl-1 ta' Diċembru 2011.

L-Ungerija (it-tixrid tal-ħama aħmar)

Fl-4 ta' Ottubru 2010, ġibjun ta' ħama aħmar tal-impjant tal-aluminju tal-*Magyar Alumínium Zrt (MAL Ltd)* qrib il-villaġġ Ungeriż ta' Kolontár infaqa', u dan wassal għal tixrid massiv ta' ħama aħmar li għarraq diversi rħula. Id-diżastru kkawża tniġġis kbir, ħsara fid-djar tan-nies u fuq pont, u l-evakwazzjoni ta' mijiet ta' nies. Ġie rrappurtat li 286 ruħ indarbu u għaxra oħra tilfu ħajjithom. L-awtoritajiet Ungeriżi ddeċidew li jitfġu applikazzjoni għal għajnuna mill-Fond ta' Solidarjetà, li waslet għand il-Kummissjoni fit-13 ta' Diċembru 2010.

Ġie stmat li l-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru kienet ta' EUR 174,32 miljun. Fl-2010 l-limitu minimu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond

ta' Solidarjetà għall-Ungerija kien EUR 590,71 miljun (jiġifieri 0,6 % tal-ING tal-Ungerija fl-2008). Minħabba li l-ħsara diretta kkważata mid-diżastru kienet konsiderevolment inqas mil-limitu minimu normali, l-Ungerija tefgħet l-applikazzjoni fuq il-bażi tal-kriterji li japplikaw f'każ ta' "diżastru reġionali straordinarju".

Fl-Artikolu 2(1) tiegħu, ir-regolament jgħid li l-fond japplika *prinċipalment* għal diżastri naturali maġġuri¹ u, għalhekk, ma jeskludix *a priori* diżastri teknoloġiċi mill-kamp tal-applikazzjoni tiegħu. Madankollu, diżastri ta' dan it-tip jistgħu jiġu kkunsidrati bħala eliġibbli biss jekk jiġu ssodisfati wkoll kundizzjonijiet oħrajn.

Fil-prinċipju, l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 tal-Kunsill jillimita l-pagamenti mill-fond għal miżuri ta' finanzjament li jtaffu ħsarat li ma jistgħux jiġu koperti b'assigurazzjoni. Id-danni kkawżati mit-tixrid tal-ħama aħmar, madankollu, kienu kkawżati minn difett f'impjant industrijali. Indipendentement mill-kwistjoni tar-responsabbiltà individwali li jista' jkun hemm, is-sidien u/jew l-operaturi tal-impjant tal-aluminju kellhom ikunu assicurati kontra r-riskji li jirriżultaw mit-tħaddim tal-impjant (responsabbiltà assoluta). Għalhekk, id-dannu kkawżat mit-tixrid tal-ħama aħmar irid jitqies bħala li jista' jkun kopert b'assigurazzjoni. Barra minn hekk, l-applikazzjoni ma daħlitx fil-kwistjoni tar-responsabbiltà. Madankollu, l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 tal-Kunsill jobbliga lill-Istati benefiċjarji jfittxu kull kumpens possibbli mingħand terzi. L-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 tal-Kunsill jistipula li l-pagamenti mill-fond b'rabta mal-ispiża tad-danni li sussegwentement jitħallsu minn parti terza jiġu rkuprati. Skont il-prinċipju li "min iniġġes iħallas", il-proprietarju u/jew l-operatur ta' kumpless industrijali għandhom jinżammu responsabbli għal kwalunkwe ħsara li tiġi kkaġunata mill-impjant inkwistjoni, indipendentement minn kwalunkwe possibbiltà ta' responsabbiltajiet personali jew ta' kopertura permezz tal-assigurazzjoni. Għalhekk, il-Fond ta' Solidarjetà ma għandux jintervjeni għal tali danni. Għar-raġunijiet stabbiliti hawn fuq, id-diżastru tal-ħama aħmar fl-Ungerija ma jistax jitqies bħala li jissodisfa l-kriterji tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 tal-Kunsill għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà. L-Ungerija ġiet infurmata bid-deċizzjoni tal-Kummissjoni.

3. APPLIKAZZJONIJIET ĠODDA LI DAĦLU FL-2011

Matul l-2011, daħlu applikazzjonijiet mingħand l-Italja (l-għargħar fil-Veneto), mingħand Spanja (it-terremot f'Lorca) u mingħand Ċipru (l-isplużjoni f'bażi navali). Eżatt qabel tmiem l-2011 daħlet għand il-Kummissjoni applikazzjoni oħra, mill-Italja (l-għargħar fil-Ligurja u fit-Toskana). Madankollu, il-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet ta' Ċipru u tal-Italja (l-għargħar fil-Ligurja u fit-Toskana) tista' titlesta biss fl-2012 u se tiġi ppreżentata fir-rapport annwali għall-2012.

L-Italja (l-għargħar fil-Veneto)

Bejn il-31 ta' Ottubru u t-2 Novembru 2010, ir-reġjun tal-Veneto fil-Grigal tal-Italja ntlaqat minn xita bil-qliel u s-sitwazzjoni ġiet aggravata minħabba li bdiet iddub il-

¹ L-Artikolu 2(1) jgħid: "Fuq talba ta' Stat Membru jew pajjiż involut fin-negozjati ta' adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "Stat benefiċjarju", assistenza mill-Fond tista' tiġi prinċipalment immobilizzata meta jseħħ diżastru naturali maġġuri b'riperkussjonijiet serji fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien, fuq l-ambjent naturali jew fuq l-ekonomija f'reġjun wieħed jew aktar jew pajjiż wieħed jew aktar fit-territorju ta' dak l-Istat."

borra. Dan wassal biex ix-xmajjar għolew 'il fuq mix-xtut u għarrqu nħawi sħaħ, u dan ikkawża danni fin-netwerks tat-toroq u tal-infrastruttura, lill-biedja, lin-negozji u fid-djar tan-nies. Ġiet irreġistrata ħsara estensiva fil-Veneto kollu kemm hu, filwaqt li ntlaqat b'mod partikularment aħrax il-baċin tax-xmara Bacchiglione, inklużi l-inħawi urbani ta' Vicenza u Padova. Sussegwentement, l-Italja tefgħet applikazzjoni għal għajjnuna finanzjarja mill-Fond ta' Solidarjetà, li waslet għand il-Kummissjoni fis-7 ta' Jannar 2011. F'nofs Awwissu 2011 daħlet applikazzjoni li kienet irriveduta b'mod sinifikanti. Wara eżami bir-reqqa tal-applikazzjoni, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li l-applikazzjoni Taljana tikkwalifika bħala "diżastru reġjonali straordinarju". Il-ħsara diretta totali, kif irrikonoxxuta mill-Kummissjoni, tammonta għal EUR 676,36 miljun, li jirrappreżentaw 19 % tal-limitu minimu normali applikabbli għall-Italja fl-2011, jiġifieri EUR 3,536 biljun (jiġifieri EUR 3 biljun bil-prezzijiet tal-2002). Konsegwentement, fis-17 ta' Novembru 2011 il-Kummissjoni approvat l-applikazzjoni Taljana u pproponiet il-mobilizzazzjoni ta' għajjnuna ta' EUR 16,9 miljun mill-Fond ta' Solidarjetà. Il-proċedura tal-baġit emendatorju tlestiet fit-13 ta' Diċembru 2011. Madankollu, l-appropriazzjonijiet tal-baġit jistgħu jkunu disponibbli biss f'nofs Frar 2012. Wara l-konklużjoni tal-ftehim mal-Italja dwar l-implimentazzjoni, l-għotja setgħet titħallas fil-15 ta' Ġunju 2012.

Spanja (it-terremot f'Lorca)

Fil-11 ta' Mejju 2011, il-belt żgħira Spanjola ta' Lorca ntlaqtet minn żewġ terremoti konsekuttivi li kellhom qawwa ta' 5,2. Din id-disgrazzja ħasdet ħajjet disa' persuni u kkawżat danni kbar. Spanja tefgħet applikazzjoni għal għajjnuna finanzjarja mill-Fond ta' Solidarjetà, li waslet għand il-Kummissjoni fl-20 ta' Lulju 2011, u warajha ntbagħtet verżjoni aġġornata fl-1 ta' Awwissu 2011. Il-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru, kif irrikonoxxuta mill-Kummissjoni, tammonta għal EUR 842,84 miljun, li jirrappreżentaw 23,84 % tal-limitu minimu normali applikabbli għal Spanja għall-2011, jiġifieri EUR 3,536 biljun (jiġifieri EUR 3 biljun bil-prezzijiet tal-2002). Fis-17 ta' Novembru 2011 il-Kummissjoni ddeċidiet li taċċetta l-applikazzjoni Spanjola li kienet ibbażata fuq id-dispożizzjonijiet speċjali f'każ ta' "*diżastru reġjonali straordinarju*" u pproponiet il-mobilizzazzjoni ta' għajjnuna ta' EUR 21,1 miljun mill-Fond ta' Solidarjetà. Il-proċedura tal-baġit emendatorju tlestiet fit-13 ta' Diċembru 2011. Madankollu, l-appropriazzjonijiet tal-baġit jistgħu jkunu disponibbli biss f'nofs Frar 2012. Il-ħlas tal-għotja se jsir ladarba jiġi ffirmat il-ftehim bejn il-Kummissjoni u Spanja dwar l-implimentazzjoni.

4. FINANZJAMENT

Fl-2011, tħallsu għotjiet mill-Fond ta' Solidarjetà għal sitt każijiet li għalihom kienet daħlu applikazzjonijiet fis-sajf tal-2010. L-abbozz preliminari tal-baġit emendatorju nru 1 għas-sena 2011 finalment tlesta fis-6 ta' April 2011². Il-pagamenti saru matul is-sajf u l-ħarifa tal-2011.

Il-fond ġie mmobilizzat ukoll minħabba żewġ applikazzjonijiet oħra li daħlu lejn tmiem l-2010. L-abbozz preliminari ta' baġit emendatorju nru 2 għas-sena 2011 ikopri l-għargħar li laqtu lir-Repubblika Ċeka, lis-Slovenja u lill-Kroazja (l-għargħar

² Il-baġit emendatorju (BE) nru 1 għas-sena 2011 ikopri l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għal ammont ta' EUR 182 388 893 f'appropriazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet marbutin mal-effetti ta' ħalbiet qawwija ta' xita fil-Polonja, fis-Slovakkja, fir-Repubblika Ċeka, fl-Ungerija, fil-Kroazja u fir-Rumanija. Dan ġie adottat mill-Parlament Ewropew fis-6.04.2011. COM(2011)9. ĠU L 172 tat-30.06.2011.

tal-ħarifa tal-2010) u ġie approvat mill-Awtorità tal-Baġit fl-14 ta' Lulju 2011. Il-pagamenti saru fl-aħħar tal-2011 wara l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar l-għotjiet u wara li ġew ffirmati l-ftehimiet dwar l-implimentazzjoni³.

Rigward l-applikazzjonijiet imressqin fl-2011, il-fond jista' jiġi mmobilizzat fil-każ tal-Italja (l-għargħar fil-Veneto) u ta' Spanja (it-terremot f'Lorca). L-abbozz preliminari korrispondenti tal-baġit emendatorju nru 7 għas-sena 2011 ġie approvat mill-Awtorità tal-Baġit fit-13 ta' Diċembru 2011⁴. Madankollu, il-ħlasijiet iddewmu minħabba li l-appropriazzjonijiet tal-baġit kellhom jiġu ttrasferiti għall-2012 u minħabba li kellhom jitlestew il-ftehimiet dwar l-implimentazzjoni.

Għotjiet mill-Fond ta' Solidarjetà approvati fl-2011			
Stat beneficijarju	Diżastru	Kategorija	Ammont mogħti fl-2011 (EUR)
Is-Slovakkja	l-għargħar tar-rebbiegħa tal-2010	maġġuri	20 430 841
Il-Polonja	l-għargħar tar-rebbiegħa tal-2010	maġġuri	105 567 155
Ir-Repubblika Ċeka	l-għargħar tar-rebbiegħa tal-2010	pajjiż ġar	5 111 401
L-Ungerija	l-għargħar tar-rebbiegħa tal-2010	maġġuri	22 485 772
Il-Kroazja	l-għargħar tar-rebbiegħa tal-2010	pajjiż ġar	3 825 983
Ir-Rumanija	l-għargħar tar-rebbiegħa tal-2010	maġġuri	24 967 741
Ir-Repubblika Ċeka	l-għargħar tal-ħarifa tal-2010	reġjonali	10 911 939
Is-Slovenja	l-għargħar tal-ħarifa tal-2010	maġġuri	7 459 637
Il-Kroazja	l-għargħar tal-ħarifa tal-2010	pajjiż ġar	1 175 071
L-Italja	l-għargħar tal-Veneto tal-2010	reġjonali	16 908 925
Spanja	it-terremot ta' Lorca tal-2011	reġjonali	21 070 950
TOTAL			239 915 415

³ L-abbozz preċedenti tal-baġit emendatorju nru 2 għall-baġit tal-2011 (COM(2011) 154) ġie addottat bħala baġit emendatorju nru 3 mill-Parlament Ewropew fl-14.07.2011. Dan ikopri l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għal ammont ta' EUR 19 546 647 f'appropriazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet b'rabta mal-effetti ta' ħalbiet qawwijn ta' xita fis-Slovenja, fil-Kroazja u fir-Repubblika Ċeka. ĠU L 213 tad-19.08.2011.

⁴ Il-baġit emendatorju (BE) nru 7 għas-sena 2011 ikopri l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għal ammont ta' EUR 37 979 875 f'appropriazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet b'rabta mat-terremot f'Murcia, Spanja (EUR 21 070 950) u mal-għargħar fil-Veneto, l-Italja (EUR 16 908 925). Dan ġie adottat mill-Parlament Ewropew fit-13.12.2011. COM(2011) 796 tal-21.11.2011. ĠU L 62 tat-2.03.2012.

5. MONITORAĠĠ

Matul l-2011 il-Kummissjoni wettqet żjarat ta' monitoraġġ f'ħames pajjiżi benefiċjarji ta' għotjiet mill-Fond ta' Solidarjetà sabiex tikseb informazzjoni dwar is-sistemi li ġew stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli biex jiġu implimentati l-għotjiet rispettivi mill-Fond ta' Solidarjetà u sabiex tiddiskuti mistoqsijiet speċifiċi mressqin mill-awtoritajiet inkarigati mill-implimentazzjoni:

- Dublin (**I-Irlanda**) fl-1 ta' Lulju 2011 b'rabta mal-għotja ta' EUR 13-il miljun wara l-għargħar ta' Novembru 2009.
- Poitiers (**Franza**) fit-12 ta' Lulju 2011 b'rabta mal-għotja ta' EUR 35,6 miljun wara l-maltempata Xynthia fi Frar 2010.
- Madera (**il-Portugall**) fl-1 ta' Settembru 2011 wara l-għotja ta' EUR 31,3 miljun minħabba ż-żerżiq tat-tajn u tal-art li seħħew fi Frar 2010.
- Bukarest (**ir-Rumanija**) mis-7 sat-8 ta' Novembru 2011 b'rabta mal-għotja ta' EUR 25 miljun li saret fl-2011 minħabba d-diżastru tal-għargħar ta' Ġunju 2010.
- Budapest (**I-Ungerija**) fl-24 ta' Novembru 2011 b'rabta mal-għotja ta' EUR 22,5 miljun wara l-għargħar ta' Mejju 2010.

B'mod ġenerali, iż-żjarat tal-Kummissjoni ġew apprezzati ħafna u tawha assigurazzjoni raġonevoli li l-awtoritajiet rilevanti kienu qed iwettqu l-implimentazzjoni u l-kontrolli b'mod trasparenti u korrett, u b'rispett għar-regoli imposti mir-regolament dwar il-Fond ta' Solidarjetà, mid-deċizzjoni dwar l-għotja u mill-ftehim dwar l-implimentazzjoni.

Malli tirċievi r-rapporti finali l-Kummissjoni se twettaq aktar analiżi u tiegħu l-miżuri xierqa fejn ikun meħtieġ.

6. GĦELUQ

L-Artikolu 8(2) tar-regolament dwar il-Fond ta' Solidarjetà jgħid li, mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-għeluq tal-perjodu ta' sena mid-data tal-ħruġ tal-għotja, l-Istat benefiċjarju jippreżenta rapport dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-għotja ("ir-rapport dwar l-implimentazzjoni") b'dikjarazzjoni li tiġġustifika n-nefqa ("id-dikjarazzjoni dwar il-validità"). Fi tmiem din il-proċedura, il-Kummissjoni tagħlaq l-assistenza mill-Fond.

Matul l-2011, ingħalqu tliet fajls tal-Fond ta' Solidarjetà.

- (1) Fil-każ dwar id-diżastru tal-għargħar tar-rebbiegħa tal-2005 **fil-Bulgarija**, ngħatat għajnuna finanzjarja ta' EUR 9,7 miljun u r-rapport dwar l-implimentazzjoni daħal fis-17 ta' Jannar 2008. Ix-xogħol tal-awditjar li għamlu l-awtoritajiet Bulgari żvela nefqa mhux eliġibbli ta' EUR 225 150. Konsegwentement, u bi qbil mal-awtoritajiet Bulgari, il-Kummissjoni tat bidu għal proċedura ta' rkupru u l-ammont ta' EUR 225 150 ġie rkuprat mingħand l-awtoritajiet Bulgari fid-29 ta' Diċembru 2008. L-analiżi u valutazzjoni ulterjuri li wettqet il-Kummissjoni tlestew fl-2011. Il-Kummissjoni għalqet il-każ fi Frar 2011.
- (2) Dwar l-għeluq tal-assistenza fil-każ relatat mal-maltempata tar-riħ li laqtet lill-gżira ta' La Réunion (**Franza**) fl-2007, li għaliha ngħatat għajnuna finanzjarja ta' EUR 5,29 miljun, ir-rapport dwar l-implimentazzjoni daħal fit-

13 ta' Lulju 2009. B'riżultat ta' nefqa mhux eliġibbli ddikjarata mill-awtoritajiet Franċiżi, in-nefqa kienet EUR 53 680 inqas mill-ammont mogħti. Wara aktar analiżijiet u l-valutazzjoni tar-rapport finali, u minħabba li l-awtoritajiet Franċiżi ma oġġezzjonawx għall-ittra tal-għeluq min-naħa tal-Kummissjoni fi żmien ix-xahrejn li kienu ġew stabbiliti biex isir dan, il-Kummissjoni tat bidu għall-proċedura ta' rkupru għas-somma ta' EUR 53 680. Il-Kummissjoni rċeviet din is-somma u l-fajl ngħalaq f'Ġunju 2011.

- (3) Fir-rigward tal-għeluq tal-każ **Ungeriż** tal-2006 dwar id-diżastri tal-għargħar ta' April 2006, il-Kummissjoni tat għajna finanzjarja ta' EUR 15-il miljun. Ir-rapport dwar l-implimentazzjoni wasal għand il-Kummissjoni fit-18 ta' Mejju 2009. Fir-rapport finali tagħhom l-awtoritajiet Ungeriżi stqarrew li n-nefqa ddikjarata kienet EUR 4 598 inqas mill-ammont mogħti. Konsegwentement, u wara aktar analiżijiet u kontrolli mill-Kummissjoni, ġiet irkuprata mingħand l-awtoritajiet Ungeriżi s-somma ta' EUR 4 598. Il-Kummissjoni għalqet il-każ f'Settembru 2011.

Fl-2011, b'rabta ma' għotjiet li saru fl-2009, il-Kummissjoni rċeviet ir-rapporti finali dwar l-implimentazzjoni mingħand Franza (il-maltempata Klaus tal-2009) u mingħand l-Italja (it-terremot tal-Abruzzo tal-2009). Fi tmiem il-perjodu kopert minn dan ir-rapport annwali kienet għadha għaddejja l-valutazzjoni ta' dawn ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni.

7. KOMUNIKAZZJONI DWAR IL-FUTUR TAL-FOND TA' SOLIDARJETÀ TAL-UE

Fis-6 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha dwar il-futur tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea⁵, li għandha l-għan li l-fond jibda jirreaġixxi aktar malajr meta jseħħu d-diżastri, isir aktar viżibbli u jkollu kriterji operattivi aktar ċari.

Fl-2005, il-Kummissjoni kienet diġà ppreżentat proposta leġiżlattiva biex jiġi emendat il-Fond ta' Solidarjetà, iżda l-bieċa l-kbira tal-Istati Membri ma aċċettawhiex. Il-Kummissjoni, għalhekk, irtirat il-proposta.

Il-Kummissjoni xorta għadha tal-fehma li jista' jsir titjib importanti fit-tħaddim tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE b'aġġustamenti mill-inqas tar-regolament ta' bħalissa, u bla ma jsir tibdil fir-raġunijiet fundamentali u fil-karattru tiegħu u mingħajr ma wieħed jidħol fi kwistjonijiet ta' finanzi u tal-volum tan-nefqa permessa. L-aġġustament propost għar-regolament ma jwassal għall-ebda tibdil fl-operazzjonijiet eliġibbli ffinanzjati mill-fond, bħat-tiswija immedjata ta' infrastrutturi vitali u l-ispejjeż għal interventi ta' emerġenza. Elementi tal-proposta tal-2005 bħat-tweessigh tal-kamp tal-applikazzjoni, il-modifikazzjoni tal-limiti minimi jew it-twarrib tal-kategorija magħrufa bħala tad-diżastri reġjonali mhumie x inklużi fil-komunikazzjoni.

Il-komunikazzjoni tipproponi l-aġġustamenti li ġejjin:

- kamp tal-applikazzjoni definit b'mod ċar għall-Fond ta' Solidarjetà, li jillimitah għad-diżastri **naturali** u għall-konsegwenzi tagħhom. "Effetti mċarċrin" bħal diżastri teknoloġiċi li jitnisslu minn diżastri naturali jibqgħu eliġibbli.
- **definizzjoni ġdida** u sempliċi ta' **x'inhuma diżastri reġjonali**, fuq il-bażi ta' kriterju wieħed u oġġettiv (ibbażat fuq il-PDG); dan jeħlisna min-nuqqas ta'

⁵

COM(2011) 613

ċarezza li fihom id-dispożizzjonijiet ta' bħalissa fir-rigward tal-kundizzjonijiet biex il-FSUE jiġi mmobilizzat f'ċirkustanzi eċċezzjonali.

- l-introduzzjoni tal-pagamenti akkont bil-quddiem (jekk issir talba għal dan) u **t-tħaffif tal-ħlasijiet** sabiex titjieb l-effiċjenza tal-FSUE u tiżdied il-viżibbiltà tiegħu.
- rispons aktar ċar għal diżastri li jiżvolġu bil-mod il-mod, bħan-**nixfa**.
- **simplifikazzjoni amministrattiva** u ffrankar tal-ħin billi d-deċizzjonijiet dwar l-għotjiet u l-ftehimiet dwar l-implimentazzjoni jsiru flimkien.
- il-Kummissjoni tixtieq ukoll tesplora, flimkien mal-Istati Membri, jekk il-Fond ta' Solidarjetà jistax jikkontribwixxi għal aktar **reżiljenza għad-diżastri u għat-tibdil fil-klima** billi jiġu introdotti inċentivi biex jittieħed aktar impenn favur il-prevenzjoni.
- Il-Kummissjoni lesta wkoll tiddiskuti kwalunkwe **elementi oħrajn** li l-Istati Membri jistgħu jkun jixtiequ jinkludu bil-għan li l-fond isir aktar effettiv.

Fil-mument tal-adozzjoni ta' dan ir-rapport, għaddejjin diskussjonijiet fil-Kunsill, fil-Parlament Ewropew u fost partijiet interessati oħra dwar il-komunikazzjoni. Il-Kummissjoni qed teżamina l-possibbiltajiet li jeżistu għal proposta leġiżlattiva ġdida.

8. KONKLUŻJONIJIET

Filwaqt li fl-2011 il-Kummissjoni rċeviet biss numru żgħir ta' applikazzjonijiet ġodda għal għajjnuna mill-Fond ta' Solidarjetà, biex tipproċessa l-għadd rekord ta' applikazzjonijiet li daħlu fl-2010 kellha tibqa' għaddejja sa biċċa sew mill-2011. Dawn l-applikazzjonijiet ikkonfermaw bosta mill-kwistjonijiet u tendenzi li tfaċċaw u ġew irrappurtati fis-snin ta' qabel.

Huwa relattivament sempliċi biex id-diżastri maġġuri – il-mira ewlenija tal-Fond ta' Solidarjetà – jiġu vvalutati fuq il-bażi tal-kriterju oġġettiv uniku (ħsara diretta totali ogħla minn ċertu limitu minimu) li hu meħtieġ biex l-ghajjnuna tiġi approvata. Diżastri ta' dan it-tip, madankollu, jagħmlu biss madwar terz tal-applikazzjonijiet li daħlu.

Il-maġġoranza l-kbira tal-applikazzjonijiet għandhom x'jaqsmu ma' diżastri iżgħar, fil-biċċa l-kbira tagħhom ibbażati fuq il-kriterji għall-hekk imsejħin diżastri reġjonali straordinarji. Il-leġiżlatur kien ħaseb għal dawn il-kriterji biex ikunu eċċezzjoni rari u għalihom hemm disponibbli biss 7,5 % tar-riżorsi baġitarji annwali tal-fond. Il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regolament biex jiġu aċċettati tali applikazzjonijiet huma kkomplicati u pjuttost diffiċli biex jiġu ssodisfati. Minħabba f'hekk, il-maġġoranza tal-applikazzjonijiet b'rabta mad-diżastri reġjonali jiġu rrifjutati mill-Kummissjoni. Ikun utli jekk ikun hemm kriterji aktar ċari u aktar sempliċi li fuq il-bażi tagħhom tkun tista' tingħata l-ghajjnuna f'każijiet ta' diżastri reġjonali.

Għal darb'oħra reġa' ħareġ li l-applikazzjonijiet relatati ma' inċidenti industrijali u ma' diżastri oħra mhux naturali normalment ma jkunux jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà tar-regolament minħabba l-prinċipju li “min iniġġes iħallas” u minħabba li mill-ghajjnuna mill-Fond ta' Solidarje hija eskluża l-ħsara li ma tistax tiġi koperta bl-assigurazzjoni. Kif diġà ntweraw fil-komunikazzjoni ta' Ottubru, jekk il-kamp tal-applikazzjoni jiġi ddefinit b'mod aktar ċar u jillimita l-ghajjnuna għad-diżastri naturali u għall-konsegwenzi tagħhom, l-inċertezza legali titneħħa.

L-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li jaslu lejn l-aħħar ta' sena partikulari normalment ma jkunx jista' jitlesta matul l-istess sena. Għalhekk, id-dispożizzjoni tar-regolament li tgħid li 25 % mill-EUR 1 biljun li kull sena jiġu allokati għall-fond ma jistgħux jintefqu qabel l-1 ta' Ottubru sabiex ir-riżorsi finanzjarji ma jispiċċawx qabel il-waqt hija, fil-prattika, bla effett. Jeħtieġ li ssir aktar riflessjoni dwar kif l-għotjiet jistgħu jitħallsu aktar malajr.

Il-komunikazzjoni dwar il-futur tal-Fond ta' Solidarjetà fiha ħafna elementi biex jitjieb il-qafas legali u, konsegwentement, l-effettività tal-fond. Għaldaqstant, il-komunikazzjoni tħejji t-triq għall-possibbiltà ta' proposta leġiżlattiva li jkollha t-tir li lill-fond tagħmlu kapaċi jirreaġixxi aktar malajr meta jseħħu d-diżastri, isir aktar viżibbli u jkollu kriterji operattivi aktar ċari.

ANNEX 1: LIMITI MINIMI GĦAL DIŻASTRI MAĠĠURI, APPLIKABBLI FL-2011
 (IBBAŻATI FUQ ID-DEJTA TAL-2009 DWAR L-INTROJTU NAZZJONALI GROSS)

(f'miljuni ta' EUR)

Pajjiż		ING fl-2009*	0,6% tal-ING*	Limitu minimu għal diżastru maġġuri fl-2011*
AT	ÖSTERREICH	271 459	1 628,756	1 628,756
BE	BELGIË/BELGIQUE	342 261	2 053,566	2 053,566
BG	BULGARIA	33 113	198,678	198,678
CY	KYPROS	16 641	99,845	99,845
CZ	ČESKÁ REPUBLIKA	129 046	774,274	774,274
DE	DEUTSCHLAND	2 430 940	14 585,640	3 535,904**
DK	DANMARK	226 447	1 358,684	1 358,684
EE	EESTI	13 538	81,230	81,230
EL	ELLADA	226 644	1 359,863	1 359,863
ES	ESPAÑA	1 029 541	6 177,246	3 535,904**
FI	SUOMI/FINLAND	171 383	1 028,298	1 028,298
FR	FRANCE	1 922 845	11 537,070	3 535,904**
HR	HRVATSKA	43 572	261,431	261,431
HU	MAGYARORSZÁG	88 291	529,747	529,747
IE	ÉIRE/IRELAND	132 601	795,607	795,607
IS	ICELAND	7 787	46,723	46,723
IT	ITALIA	1 494 576	8 967,457	3 535,904**
LT	LIETUVA	27 010	162,057	162,057
LU	LUXEMBOURG (G.D.)	26 765	160,590	160,590
LV	LATVIJA	19 954	119,723	119,723
MT	MALTA	5 451	32,704	32,704
NL	NEDERLAND	556 518	3 339,108	3 339,108
PL	POLSKA	299 518	1 797,108	1 797,108
PT	PORTUGAL	162 331	973,986	973,986
RO	ROMÂNIA	113 652	681,913	681,913
SE	SVERIGE	296 151	1 776,908	1 776,908
SI	SLOVENIJA	34 704	208,224	208,224
SK	SLOVENSKO	62 575	375,452	375,452
TR	TÜRKIYE	330 413	1 982,480	1 982,480
UK	UNITED KINGDOM	1 587 886	9 527.315	3 535,904**

*Il-limiti minimi huma ddefiniti bħala l-aktar ċifra baxxa bejn 0,6 % tal-ING u EUR 3 biljun, bil-prezzijiet tal-2002.

*Ċifri maqtugħin għad-dritt

** ~ EUR 3 biljun skont il-prezzijiet tal-2002

Sors: Eurostat

ANNESS 2: APPLIKAZZJONIJIET MAL-FOND TA' SOLIDARJETÀ TAL-UE LI GĦADHOM PENDENTI MILL-2010 U APPLIKAZZJONIJIET ĠODDA LI TTIEĦDET DEĊIŻJONI DWARHOM FL-2011

Sena	2010						2011			
Pajjiż applikant	Franza	Ir-Repubblik a Ċeka	Il-Ġermanja	Is-Slovenja	Il-Kroazja	L-Ungerija	L-Italja	Spanja	Ċipru	L-Italja
Isem u xorta tad-diżastru	Għargħar fil-Var	Għargħar tal-ħarifa	Għargħar fis-Sassonja	Għargħar tal-ħarifa	Għargħar tal-ħarifa	Tixrid tal-ħama aħmar	Għargħar fil-Veneto	Terremot f'Lorca	Splużjoni f'bażi navali	Għargħar fil-Ligurja u fit-Toskana
Data tal-ewwel ħsara	15/06/2010	7/08/2010	7/08/2010	17/09/2010	17/09/2011	4/10/2010	31/10/2010	11/05/2011	11/07/2011	25/10/2011
Data tal-applikazzjoni	24/08/2010	14/10/2010	15/10/2010	26/11/2010	25/11/2010	13/12/2010	7/01/2011	20/07/2011	19/09/2011	22/12/2011
Data meta jkun disponibbli t-tagħrif komplut	-	-	-	-	-	-	11/08/2011	1/08/2011	24/11/2011 20/01/2012	-
Limitu minimu għal każijiet ta' diżastru maġġuri (f'miljuni ta' EUR)	3466.57	824.03	3466.57	217.67	275.80	590.71	3535.90	3535.90	99.85	3535.90
Ħsara diretta totali (f'miljuni ta' EUR) ⁶	740.70	436.48	937.77	251.30	47	174.32	676.36	842.84	-	722.47
Kategorija	(reġjonali)	reġjonali	(reġjonali)	maġġuri	pajjiż ġar	(reġjonali)	reġjonali	reġjonali	(maġġuri)/m hux naturali	reġjonali
Ħsara/limitu minimu	21.37 %	52.97 %	27.05 %	115.45 %	17.04 %	29.51 %	19.13 %	23.84 %	-	20.43 %
Spiża tal-attivitajiet eliġibbli ta' emerġenża (f'miljuni ta' EUR)	197.54	334.77	489	171.27	28.65	-	573.23	104	-	511.43
Spiża eliġibbli/ħsara totali	26.67%	76.70 %	52.14%	68.15 %	60.95 %	-	84.75 %	12.34 %	-	70.79 %
Għajnuna/spiża eliġibbli	-	3.26 %	-	4.36 %	4.10 %	-	2.95 %	20.26 %	-	3.53 %
Rata tal-għajnuna (% tal-ħsara totali)	-	2.5 %	-	2.97 %	2.5 %	-	2.5 %	2.5 %	-	2.5 %

⁶ L-ammont ta' ħsara diretta totali aċċettat mill-Kummissjoni

Data tad-deċiżjoni dwar l-għotja	<i>irrifjutata</i>	<i>22/08/2011</i>	<i>irrifjutata</i>	<i>19/09/2011</i>	<i>19/08/2011</i>	<i>irrifjutata</i>	<i>28/03/2012</i>	<i>9/03/2012</i>	<i>irrifjutata</i>	<i>pendenti</i>
Data (tal-adozzjoni) tal-ftehim dwar l-implimentazzjoni	-	<i>11/10/2011</i>	-	<i>4/11/2011</i>	<i>14/09/2011</i>	-	<i>23/04/2012</i>	<i>26/06/2012</i>	-	<i>pendenti</i>
Ghajjnuna mogħtija (EUR)	-	<i>10 911 939</i>	-	<i>7 459 637</i>	<i>1 175 071</i>	-	<i>16 908 925</i>	<i>21 070 950</i>	-	<i>18 061 682</i>

ANNEX 3: APPLIKAZZJONIJIET MAL-FOND TA' SOLIDARJETÀ TAL-UE MILL-2002 'L HAWN

Sena	Pajjiż		Xorta tad-diżastru	Ħsara (f'miljuni ta' EUR)	Kategorija	Ghajjnuna mogħtija (f'miljuni ta' EUR)
2002	1	AT	Għargħar	2 900	maġġuri	134
	2	CZ	Għargħar	2 300	maġġuri	129
	3	FR	Għargħar (Le Gard)	835	reġjonali	21
	4	DE	Għargħar	9 100	maġġuri	444
Ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet tal-2002						728
2003	1	ES	Tixrid taż-żejt (Prestige)	436	reġjonali	8.626
	2	IT	Terremot (il-Molise/il-Pulja)	1 558	reġjonali	30.826
	3	IT	Żbruffar ta' vulkan (l-Etna)	894	reġjonali	16.798
	4	IT	Għargħar (it-Tramuntana tal-Italja)	(1 900)	(maġġuri)	Irrifjutata
	5	GR	Temp xitwi kiefer	(mhux ċara)	(maġġuri?)	Irrifjutata
	6	PT	Nirien fil-foresti	1 228	maġġuri	48.539
	7	FR	Nirien fil-foresti (in-Nofsinhar ta' Franza)	531	(reġjonali)	Irrifjutata
	8	ES	Nirien fil-foresti (fruntiera mal-Portugall)	53	pajjiż ġar	1.331
	9	MT	Għargħar	30	maġġuri	0.961
	10	IT	Għargħar (Frijuli-Venezja Ġulja)	(525)	(reġjonali)	Irrifjutata
Ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet tal-2003						107.081
2004	1	FR	Għargħar (id-delta tar-Ron)	785	reġjonali	19.625
	2	ES	Għargħar (Malaga)	(73)	(reġjonali)	Irrifjutata
	3-9	ES	Nirien fil-foresti (7 applikazzjonijiet)	(480)	(reġjonali)	is-7 li huma rrifjutati
	10	SK	Għargħar	(29)	(reġjonali)	Irrifjutata
	11	SI	Terremot	(13)	(reġjonali)	irrevokata
Ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet tal-2004						19.625
2000	1	SK	Maltempata (Tatra)	203	maġġuri	5.668
	2	IT	Għargħar (Sardenja)	(223. stmata)	(reġjonali)	Irrifjutata

Sena	Pajjiż		Xorta tad-diżastru	Ħsara (f'miljuni ta' EUR)	Kategorija	Ghajjnuna mogħtija (f'miljuni ta' EUR)
5				żżejjed)		
	3	EE	Maltempata	48	maġġuri	1.29
	4	LV	Maltempata	193	maġġuri	9.487
	5	Se	Il-maltempata "Gudrun"	2 297	maġġuri	81.725
2005	6	LT	Maltempata	15	pajjiż ġar	0.379
	7	GR	L-għargħar f'Evros	(112)	(reġjonali)	Irrifjutata
	8	RO	Għargħar tar-rebbiegħa	489	maġġuri	18.798
	9	BG	Għargħar tar-rebbiegħa	222	maġġuri	9.722
	10	BG	Għargħar tas-sajf	237	maġġuri	10.632
	11	RO	Għargħar tas-sajf	1 050	maġġuri	52.4
	12	AT	Għargħar (Tirol/Vorarlberg)	592	reġjonali	14.799
Ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet tal-2005						204.905
2006	1	UK	Splużjoni fid-depożitu taż-żejt ta' Buncefield	(700)	(reġjonali)	irrevokata
	2	GR	Għargħar f'Evros	372	reġjonali	9.306
	3	HU	Għargħar	519	maġġuri	15.064
	4	ES	Nirien fil-foresti tal-Galizja	(91)	(reġjonali)	Irrifjutata
Ghajjnuna totali għall-applikazzjonijiet tal-2006						24.370
2007	1	DE	Il-maltempata "Kyrill"	4750	maġġuri	166.9
	2	FR	La Réunion. Iċ-ċiklun "Gamede"	211	reġjonali	5.29
	3	ES	Għargħar f'El Hierro	(18)	(reġjonali)	Irrifjutata
	4	ES	Għargħar fil-Manča	(66)	(reġjonali)	Irrifjutata
	5	UK	Għargħar	4 612	maġġuri	162.387
	6	CY	Nirien fil-foresti	(38)	(reġjonali)	Irrifjutata
	7	ES	Nirien fil-foresti fil-Gżejjer Kanarji	(144)	(reġjonali)	Irrifjutata
	8-16	IT	9 applikazzjonijiet minħabba nirien fil-foresti f'9 reġjuni	-	(reġjonali)	mhux ammissibbli. id-data sa meta setgħu jidħlu l-applikazzjonijiet kienet għaddiet
	17	FR	Il-maltempata Dean f'Martinique	509	reġjonali	12.78

Sena	Pajjiż		Xorta tad-diżastru	Ħsara (f'miljuni ta' EUR)	Kategorija	Għajnuna mogħtija (f'miljuni ta' EUR)
	18	GR	Nirien fil-foresti	2 118	maġġuri	89.769
	19	SI	Għargħar	233	maġġuri	8.254
Għajnuna totali għall-applikazzjonijiet tal-2007						445.380
2008	1	CY	Nixfa	165.4	maġġuri	7.605
	2	RO	Għargħar	471.4	reġjonali	11.785
Għajnuna totali għall-applikazzjonijiet fl-2008						19.390
2009	1	FR	Il-maltempata Klaus	3 805.5	maġġuri	109.377
	2	IT	Terremot fl-Abruzzo	10 212.0	maġġuri	493.771
	3	GR	Nirien fil-foresti	(152.8)	(reġjonali)	Irrifjutata
	4	CY	Maltempati	(2.6)	(reġjonali)	Irrifjutata
	5	GR	Għargħar f'Evja	(83.2)	(reġjonali)	Irrifjutata
	6	IT	Żerżiq ta' tajn f' Messina	(598.9)	(reġjonali)	Irrifjutata
Għajnuna totali għall-applikazzjonijiet fl-2009						603.148
2010	1	IE	Għargħar fl-2009	520.9	reġjonali	13.022
	2	IT	Gharghar fit-Toskana	(211.7)	(reġjonali)	Irrifjutata
	3	ES	Għargħar fl-Andalusija	(709.7)	(reġjonali)	Irrifjutata
	4	PT	Żerżiq ta' tajn u ta' art f' Madera	1 080	maġġuri	31.256
	5	FR	Il-maltempata Xynthia	1 425	reġjonali	35.636
	6	SK	Għargħar	649.9	maġġuri	20.431
	7	PL	Għargħar	2 993.7	maġġuri	105.567
	8	CZ	Għargħar (tar-rebbiegħa)	204.5	pajjiż ġar	5.111
	9	HU	Għargħar	719.3	maġġuri	22.486
	10	HR	Għargħar (tar-rebbiegħa)	153.04	pajjiż ġar	3.826
	11	FR	L-għargħar fil-Var	(703 778)	(reġjonali)	Irrifjutata
	12	RO	Għargħar	875.75	maġġuri	24.968
	13	CZ	Għargħar (tal-ħarifa)	436.5	reġjonali	10.912
	14	DE	L-għargħar fis-Sassonja	(937.7)	(reġjonali)	Irrifjutata
	15	HR	Għargħar (tal-ħarifa)	47	pajjiż ġar	1.175
	16	SI	Għargħar (tal-ħarifa)	251.3	maġġuri	7.460
	17	HU	Tixrid tal-ħama aħmar	(174.32)	(reġjonali)	Irrifjutata
Għajnuna totali għall-applikazzjonijiet tal-2010						281.849
2	1	IT	L-għargħar tal-2010 fil-	676.36	reġjonali	16.909

Sena	Pajjiż		Xorta tad-diżastru	Ħsara (f'miljuni ta' EUR)	Kategorija	Għajnuna mogħtija (f'miljuni ta' EUR)
0 1 1			Veneto			
	2	ES	It-terremot tal-2011 f'Lorca	842.84	reġjonali	21.071
	3	CY	L-isplużjoni tal-2011 f'bażi navali	(357)	(maġġuri/mhux naturali	Irrifjutata
	4	IT	L-għargħar tal-2011 fil-Ligurja u fit-Toskana	722.5	reġjonali	18.062
Għajnuna totali għall-applikazzjonijiet tal-2011						56.042
Total sħiħ tal-għajnuna approvata mill-2002 'l hawn EUR 2 489.798835 miljun						